MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 29/2026-9**

**It-Tlieta, 19 ta' Mejju 2026**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

### 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku l-Kunsilliera Dott Marlene Cini ser tasal ftit tard.

### 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 28/2026-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija. Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

29.2.2 Ma kinx hemm korrezzjonijiet. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1 Is-Sindku nforma lil membri illi infetaħ il-*booking* sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiġu għas-safra kulturali f'Maletto, Sqallija għal Festa Frawli fuq stedina tas-Sindku ta' Maletto. Informa lil membri li diġà bbukkjaw 20 persuna. Il-Kunsilliera Marlene Cini infurmat lil membri li hi ma tistax tattendi.

29.3.2 Is-Sindku nforma lil membri illi waslu s-siġar tal-palm li ġew mogħtija lil Kunsill grazzi għal MAFA. Kompla jgħid li dawn ġew imħawwla fi Ġnien is-Sagħtrija.

29.3.3 Is-Sindku nforma lil membri illi l-ħaddiema tas-CWS, A.Portelli ġiet *replaced* fejn minflokha intbgħatet oħra.

29.3.4 Propona u l-membri qablu li jiġu nstallati 2 CCTVs fi Triq Barda u Triq id-Duluri, Marsalforn minħabba l-abbuż ta' rimi ta' skart u b'hekk tkun tista' tintuża wkoll mill-Pulizija għas-sigurta.

### 29.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

29.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

29.4.1.1 Il-Viċi Sindku propona u l-membri qablu sabiex jitwal id-*double yellow line* fi Triq il-Ponta u fit–tarf titwal il-bankina biex tingħaqad ma' l-oħra.

29.4.1.2 Ippropona sabiex l-Għaqda tan-Nar ikomplu jaqtgħu Triq Wied l-Abjad kif bħalissa qed jaqtgħu Triq Wied l-Infern. Għal dan ix-xogħol il-membri qablu li tingħata is-somma ta' €500.

29.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

29.4.2.1 Il-Kunsillier Mario Portelli ippropona sabiex il-Kunsill japplika għal fondi kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex tkun tista' tiġi organizzata t-tiġrija taż-żwiemel fix-xahar tal-Festa. Il-membri qablu.

29.4.2.2 Talab sabiex jinqata' l-ħaxix f'Ta' Ċikku. Is-Sindku nfurmah illi bħalissa l-ħaddiema tal-Kunsill qed jaqtgħu l-ħaxix.

29.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

29.4.3.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba ġibed l-attenzjoni illi hemm bżonn titranġa t-triq minn Ras ir-Reqqa għal Wied l-Għasri malli tinżel mis-Sagħtrija. Ippropona sabiex issir xibka ta' l-art u konkos u tingħalaq bl-Uffiċċjali ta' Transport Malta sakemm tinxef sabiex ma jgħaddux karozzi minn fuqha. Il-membri qablu li tibda' ssir biċċa minnha.

*Il-Kunsilliera, Dott Marlene Cini skużat ruħha li ġiet tard u daħlet fil-kamra fil-4.20 ta' wara nofs in-nhar.*

29.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

29.4.4.1 Talbet sabiex titranġa l-bozza nru 374/66 fi Triq Santa Marija. Is-Sindku nfurmha illi dik il-bozza diġà ġiet rrapurtata u għandu jagħmilha Chris Gauci.

29.4.4.2 Il-Kunsilliera talbet sabiex jinżebagħ il-ħajt tal-promenade fejn hemm l-installazzjoni I love Marsalforn, kif ukoll quddiem l-Aragosta. Ġiet informaha illi l-Kunsill xtara iż-żebgħa u ser jinżebagħ mill-ħaddiema tal-*Public Cleansing.*

29.4.4.3 Proponiet sabiex jitneħħa parkeġġ fi Triq Għajn Mhelhel fit-telgħa. Is-Sindku infurmha li dawk il-parkeġġi saru bl-approvazzjoni ta' Transport Malta wara li sar *traffic management*. Talbet sabiex il-Kunsill jitlob il-veduti ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

29.4.4.4 Infurmat lil membri illi kienet bdiet issir bankina fi Triq Santa Marija kantuniera ma Triq is-Salina però ix-xogħol ma tkompliex. Il-membri qablu li ssir però jintalab il-materjal għaliha mill-Ministeru għal Għawdex.

## 29.5 Approvazzjoni ta' l-Offerti;

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport ta' evalwazzjoni maħruġ mill-Bord t'Evalwazzjoni ta' l-offerta nru ZGLC/01/2026 – Repaving of Triq taċ-Ċaqra, Zebbuġ, Gozo. Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Bord li din tiġi mogħtija lil Mark Attard.

Ġie preżentat rapport ieħor maħruġ mill-Bord t'Evalwazzjoni ta' l-offerta ZBLC_LoopZone-01 – Tender for a Project Manager for the Zebbug Local Council (Gozo, Malta) in connection with Interreg Euro-Med Project: Loopzone. Il-membri ġew infurmati illi l-Kunsill marbut *b'deadline* sabiex imexxu malajr kemm jista' jkun fuq dan il-proġett u dan peress li l-Kunsill qiegħed *partner* ma oħrajn u kullħadd qed jistenna l-eżitu tal-Kunsill. Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u li din għandha tiġi mogħtija lil Michelle M Vella peress li l-irħas offerent ma nstabx compliant mill-Bord t'Evalwazzjoni.

## 29.6 Materji Oħra;

29.6.1 Talba mingħand M. Spiteri sabiex titranġa kurduna ta' bankina fi Triq Manwel Magro għax perikoluża. Il-membri qablu.

29.6.2 Intbagħtet emejl u ittra uffiċċjali mill-Kunsill lil Bank of Valletta, fejn il-Kunsill oppona għat-tneħħija ta' l-ATM li hemm fi Triq il-Port u minflok il-Bank ġie mitlub sabiex issir rilokazzjoni ta' l-ATM mhux tneħħija. Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini pproponiet li l-Kunsill għandu jkellem lis-Sur G. Cordina u tintalab laqgħa mal-BOV. Il-membri qablu.

29.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Otters sabiex issir l-Spartacus Sports Event f'Marsalforn fis-7 ta' Ġunju 2026. Il-membri qablu li jidħlu b'kollaborazzjoni ma ' l-Otters għal organizzazzjoni ta' din l-attivita'.

29.6.4 Ilment Nru M2/2026 – Talba sabiex issir CCTV fi Triq ir-Rabat qrib 'Tritons Court' minħabba r-rimi ta' skart illegali. Is-Sindku nforma lil membri li qed isiru l-verifiki fejn din tista' teħel.

29.6.5 Il-membri ġew infurmati li l-Kunsill ta in-*no objection* għal marċi/programmi u purċissjonijiet għal Festa Titulari.

29.6.6 Talba mingħand Riħ id-Deheb rigward għajnuna mill-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jiġu organizzati programm ta' attivitajiet bejn il-2027 u 2031 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Belt Ewropeja tal-Kultura 2031. Il-membri ma qablux li jipparteċipaw peress li din hija entita' privata u mhux għaqda voluntiera.

29.6.7 Il-Kunsill irċieva ittra ġudizzjarja mill-Qorti tal-Maġistrati rigward persuna li fil-31 ta' Mejju 2025 rwiet saqajha ma tappieri ġewwa l-Menqa f'Marsalforn. Il-membri qablu li l-Avukat tal-Kunsill Av. Mario Scerri għandu jibgħat risposta illi l-Menqa ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill.

29.6.8 Ittra mibgħuta mill-Av. Chris Said għan-nom ta' J. Vella fejn kienet talbet sabiex jinżebgħu *double yellow lines* faċċata tal-garaxx tagħha fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri li kien hemm oġġezzjoni ta' terzi minħabba dan is-sinjal. Għaldaqstant il-membri qablu li jintbagħtu l-minuti bid-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill.

29.6.9 Talba mingħand Social Worker li taħdem mal-FSWS fejn talbet sabiex fi Triq Santa Marija jitpoġġa *handrail* u ssir rampa sabiex tkun aċċessibbli għal persuna b'diżabilità'. Il-membri qablu li din issir.

29.6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva l-proposta rigward il-Waste Depot għal *underground bins* għar-residenti fejn dawn ħa jkun *fenced* u mgħammra bis-CCTV. Il-membri qablu li dawn isiru fil-parkeġġ.

**29.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 29/2026 għall-perjodu ta' Mejju 2026 li tammonta għal €46,917.11c ġiet approvata mill-membri preżenti .

**29.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.00 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa, 24 ta' Ġunju 2026 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv